**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 573/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**

**vs**

**William Mercieca ta' 25 sena, iben**
**Missier mhux maghruf u Tessie Mercieca,**
**mwieled il-Pieta' nhar il-14 ta' Settembru, 1973,**
**u residenti it-tielet sular, Flat 10, il-Bini tal-Kamrata,**
**Triq il-Merkanti, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 403973 (M).**

**Illum 1 ta' Frar, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi William Mercieca li gie akkuzat talli nhar il-14 ta' Mejju, 1999 bejn is-7.15 p.m. u 9.30 p.m. gewwa triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, kkommetta serq ta' stereo tal-marka Jensen mudell FTJ950 b'numru tas-serje 95070623, minn gewwa vettura numru AAA 713 tal-marka Volks Wagen Golf liema serq huwa aktar minn mitt lira Maltin izda ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin, a detriment ta' Mark Schembri, liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3), 280(2), u 281 (b).

U aktar talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti. Ai termini tal-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar id-19 ta' Lulju, 1999 ghall-habta ta' 10.30 p.m. gewwa l-Belt Valletta instab fil-pussess tieghu stereo tal-marka Jensen mudell FTJ 950 b'numru ta' serje 95070623, li mhux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gie legittimu ghandu f'dan iz-zmien wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni fi zminijiet qabel, u dan ai termini tal-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tittratta ma' l-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta b'sentenzi definittivi tal-Qorti Kriminali tal-Appell tal-11 ta' Dicembru, 1997 fejn instab hati ta' serq aggravat u ricettazzjoni u kkundannat sentejn prigunerija.

Kif ukoll talli fil-31/10/1996 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) instab hati f'Awla 14 ta' serq aggravat u ricettazzjoni u hsara volontarja u kkundannat sena u nofs prigunerija.

U kif ukoll talli fis-27/05/1997 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)instab hati f'Awla 1 ta' serq aggravat, ricettazzjoni u hsara volontarja u kkundannat tlettax-il xahar prigunerija.

U kif ukoll talli fl-1/02/1996 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) instab hati f'Awla 9 li kellu fil-pussess tieghu kontra l-ligi d-droga eroina.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (fol 20).

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji (fol 12).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Ili dan il-kaz inqala meta l-akkuzat instab barra minn daru wara l-hinijiet moghtija lilu f'kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja. Fil-pussess tal-akkuzat instab stereo tal-marka Jensen li kif jirrizulta mill-atti kien gie misruq fl-14 ta' Mejju, minn go vettura AAA 713 li kienet ipparkjata go Ordinance Street, propjeta' ta' Mark Schembri. L-istess Schembri gharaf l-istereo bhala tieghu u indika li l-istess kellu d-display ma tixghelx in parti, ghalkemm mir-rapport ta' l-espert Joseph Zammit id-display window ma kienet tixghel xejn.

L-akkuzat spjega f'zewg stqarrijiet li l-istess stereo kien gie fil-pussess tieghu meta kien xtrah ghal prezz ta' tletin lira Maltin, minghand persuna li skondtu aktarx kien minn Haz Zabbar. Qal li hu qatt ma kien ra lil din

il-persuna qabel, pero' kien mar fuqu staqsieh jekk riedx jixtri l-istereo. Mistoqsi kif kien jaf li kien minn Zabbar jekk ma kienx jafu, irrisponda illi semghu jghid li ried jinzel ghal flus Haz Zabbar. Iddeskrivih bhala bniedem twil xaghru baxxa iswed jew kannella u forsi ghandu l-eta' tieghu. Qal ukoll li ghalkemm ghaddielu minn mohhu li dan l-istereo setgha kien misruq pero' dan ir-ragel kien ikkonvincih li fil-fatt dan l-istereo ma kienx misruq. Qal ukoll li hu kien qed jigri l-Belt barra dak il-hin bl-istereo go basket tal-plastik ghax prova jbieghu kemm kien xtrah. Din l-istqarrija irrilaxxaha fid-19 ta' Lulju, 1999 (a fol 8). Fit-3 ta' Awissu, l-akkuzat rega rrilaxxa stqarrija ohra u ghajr ghal dettalji zghar, bhal l-ilbies ta' min bieghlu l-istereo zamm l-istess verzjoni.

Fiz-zewg stqarrijiet insista li hu kien se jerga jbieghu ghax hu ried jarmah id-dar pero' kien tkellem ma' diversi nies li qalulu li ma kienx marka tajba u li ma kienx imur tajjeb bih.

Ikkonsidrat

Illi jigi mal-ewwel premess illi l-ewwel akkuza ta' serq certament ma tirrizultax u ghalhekk qed jigi liberat mill-istess.

It-tieni akkuza hija dik ta' ricettazzjoni. Issa biex tirrizulta din l-akkuza huwa ovvju li l-oggett akkwistat irid ikun oggett ta' reat ta' s erq jew akkwistat b'qerq. Din il-Qorti temmen li fil-fatt l-istereo li instab ghand l-akkuzat kien dak misruq mil-vettura ta' Schembri kif gia premess. Biex jissussisti dan ir-reat pero' jinhtieg element iehor, il-konoxxenza tal-fatt li l-oggett akkwistat huwa s-suggett tar-reat ta' serq jew mehud b'qerq. Ghalhekk jinhtieg li l-prosekuzzjoni jirnexxilha tipprova li meta l-akkuzat akkwista l-istereo in kwistjoni kien konxju mill-provenjenza illecita

tieghu. L-akkuzat insista li ghalkemm hu kellu xi hsieb li l-istereo seta' kien misruq pero' l-persuna minghand min xtrah assigurah li dan ma kienx. Mistoqsi jekk kienx jahseb li kien jiswa aktar milli xtrah, wiegeb ili ghalih dan seta' kien jiswa Lm 50 cioe ghoxrin lira aktar milli xtrah. Jista' jfisser dan li ghalhekk l-akkuzat kien jaf jew ahjar setgha basar li l-istereo li kien qed jakkwista kien oggett rizultat ta' serq. Ammetta hu li xtara stereo mill-idejn, minghand persuna li ma kienx jaf, li pero' assigurah ghalkemm kellu dubju li ma kienx rizultat ta' serq. Ammetta li din il-persuna waqqfitu hdejn il-hadid putirjal, stereo li jinxtara hekk fuq l-idejn f'cirkostanzi daqshekk dubjuzi ma jhalli ebda dubju ghal provenjenza tieghu.

Ghaldaqstant in vista tal-premess qed tilliberah mill-akkuzi ta' serq pero' wara li rat l-art 334(a) u 287 u 17 tal-Kap 9 issibu hati tat-tieni u tat-tielet akkuza u tikkundannah ghal hames mitt lira multa (Lm 500).

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.